

Brussell, 15 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11030/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0189(NLE)

ECOFIN 921
UEM 372
FIN 797
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara li l-Finlandja ppreżentat il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) tagħha fis-27 ta’ Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill li jagħtih valutazzjoni pożittiva. Fid-29 ta’ Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021 ġiet emendata bid-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2023³, tat-8 ta’ Diċembru 2023⁴ u tas-16 ta’ Lulju 2024⁵.
- (2) Fit-30 ta’ April 2025, il-Finlandja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Finlandja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Finlandja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ħames miżuri.

² Ara d-dokumenti ST 12524/21 u ST 12524/21 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 6991/23 u ST 6991/23 ADD 1 COR 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 15836/23 u ST 15836/23 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 11535/24 u ST 11535/24 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Finlandja spjegat li l-mira 102 taħt il-miżura P3C3I1 (il-pakkett ta' finanzjament tar-RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika - Kumpaniji ewlenin) taħt il-komponent P3C3 (RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ) parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba dewmien fil-proċeduri tal-akkwist minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u r-rati tal-imġħax oġġla relatati. Abbażi ta' dan, il-Finlandja talbet li l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-mira 102 tiġi estiża u li d-deskrizzjoni tal-miżuri korrispondenti tiġi emendata. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-Finlandja spjegat li l-istadju importanti 15 taħt il-miżura P1C2R2 (Promozzjoni strateġika tal-ekonomija ċirkolari u r-riforma tal-Att dwar l-Iskart) taħt il-komponent P1C2 (Riformi industrijali u investimenti b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali) parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba dewmien fl-ipproċessar tal-proposti ta' impenn u n-natura volontarja tal-impenni. Abbażi ta' dan, il-Finlandja talbet li l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-istadju importanti tiġi estiża u li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-miżura. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-Finlandja spjegat li l-miżura P2C2I3 (L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, il-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-computing kwantistiku) taħt il-komponent P2C2 (L-aċċellerazzjoni tal-ekonomija tad-data u d-diġitalizzazzjoni) parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba domanda tas-suq aktar baxxa għall-proġetti tal-6G, tal-IA u tal-computing kwantistiku milli kien previst inizjalment, ikkumpensata minn domanda tas-suq oġġla milli mistenni għal proġetti tal-mikroelettronika. Abbażi ta' dan, il-Finlandja talbet li l-miri 65 u 67 jingħaqqu filwaqt li ma tnaqqasx l-ambizzjoni tal-miżura. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (7) Il-Finlandja spjegat li żewġ miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-mira 8 taħt il-miżura P1C1I2 (Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija) taħt il-komponent P1C1 (Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija) u l-miżura P5C1I1 (Investimenti għal tranżizzjoni nadifa) taħt il-komponent P5C1 (REPowerEU). Fuq din il-bażi, il-Finlandja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (8) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Finlandja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Finlandja.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (10) Ġew identifikati erba' żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021, li jaffettwaw stadju importanti wieħed u erba' miżuri taħt tliet komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fis-27 ta' Mejju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Finlandja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-istadju importanti 33 tal-miżura P1C3I2 (Programm għal ambjent mibni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju) taħt il-komponent P1C3 (It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini) u d-deskrizzjoni tal-miżuri li ġejjin: P1C2I1 (L-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju) taħt il-komponent P1C2 (Riformi industrijali u investimenti b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali), P1C5R1 (Modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-konservazzjoni tan-natura) taħt il-komponent P1C5 (Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura), u P2C2R1 (Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar il-proprjetà residenzjali u kummerċjali) taħt il-komponent P2C2 (Aċċellerazzjoni tal-ekonomija tad-data u d-diġitalizzazzjoni). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (12) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Finlandja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (13) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (14) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Finlandja huwa ta' EUR 1 949 227 000. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Finlandja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija alllokata għall-RRP emendat tal-Finlandja jenħtieġ li tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-RRP emendat tal-Finlandja. Dan l-ammont huwa ta' EUR 1 949 059 854. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Finlandja tibqa' l-istess.
- (15) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>.

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Finlandja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni ttipprovdi aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
